II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/774

tat-28 ta' Mejju 2018

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja.

(2) Abbażi ta' eżami tal-miżuri, jenħtieġ li l-entrati għal ċerti persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi kif stabbiliti fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġu aġġornati u emendati.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Mejju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

ANNESS

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif ġej:

I. Fil-Parti A ("Persuni"), l-entrati li ġejjin huma emendati kif ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"7.	Amjad (أمجد) Abbas (عباس) (magħruf ukoll bħala Al-Abbas)		Kap tas-Sigurtà Politika f'Banyas, involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti f'Baida.	9.5.2011
8.	Rami (رامي) Makhlouf (مخلوف)	Data tat-twelid: 10 ta' Lulju 1969; Post tat-twelid: Damasku; passaport Nru 000098044, Numru tal-ħruġ 002-03-0015187	Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja b'interessi fis-setturi tat-telekomunikazzjoni, is-servizzi finanzjarji, it-trasport u l-proprjetà; għandu interess finanzjarju u/jew għandu karigi għoljin u eżekuttivi fis-Syriatel, l-ikbar operatur tat-telefon ċellulari fis-Sirja, il-fondi ta' investiment Al Mashreq, Bena Properties u Cham Holding. Huwa jipprovdi finanzjament u appoġġ lir-reġim Sirjan, permezz tal-interessi kummerċjali tiegħu. Huwa membru influwenti tal-familja Makhlouf u huwa marbut mill-qrib mal-familja Assad; kuġin tal-President Bashar Al-Assad.	9.5.2011
9.	Abd Al-Fatah (عبد الفتاح) Qudsiyah (قدسية)	Data tat-twelid: 1953; Post tat-twelid: Hama; passaport diplomatiku Nru D0005788	Uffiċjal fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-Forzi Armati Sirjani fil-kariga wara Mejju 2011. Viċi Direttur tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Partit Ba'ath. Ex-Kap tad-Direttorat tal-Intelligence Militari Sirjana. Involut fir-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	9.5.2011
13.	Munzir (منذر) (magħruf ukoll bħala Mundhir, Monzer) Jamil (جميل) Al-Assad (الأسد)	Data tat-twelid: 1 ta' Marzu 1961; Post tat-twelid: Kerdaha, Provinċja ta' Lattakia; Passaporti Nru 86449 u 842781	Involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili bħala parti mill-milizzja ta' Shabiha.	9.5.2011
19.	Iyad (إياد) (magħruf ukoll bħala Eyad) Makhlouf (مخلوف)	Data tat-twelid: 21 ta' Jannar 1973; Post tat-twelid: Damasku; passaport Nru N001820740	Membru tal-familja Makhlouf; iben Mohammed Makhlouf, ħu Hafez u Rami u ħu Ihab Makhlouf; kuġin tal-President Bashar Al-Assad. Membru tas-servizzi Sirjani tas-sigurtà u l-intelligence fil-kariga wara Mejju 2011. Uffiċjal fid-Direttorat Ġenerali tal-Intelligence (GID) involut fi vjolenza fuq il-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.5.2011
23.	Zoulhima (ذو الهمة) (magħruf ukoll bħala Zu al-Himma) Chaliche (شاليش) (magħruf ukoll bħala Shalish, Shaleesh) (magħruf ukoll bħala Dhu al-Himma Shalish)	Data tat-twelid: 1951 jew 1946 jew 1956; Post tat-twelid: Kerdaha	Uffiċjali tas-servizzi Sirjani tas-sigurtà u l-intelligence fil-kariga wara Mejju 2011; Ex-Kap tal-Protezzjoni Presidenzjali. Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-kariga wara Mejju 2011. Involut fi vjolenza fuq id-dimostranti. Membru tal-familja Assad: kuġin tal-President Bashar Al-Assad	23.6.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
26.	Maġġur Ġenerali Qasem (قاسم) Soleimani (سليماني) (magħruf ukoll bħala Qasim Soleimany; Qasim Soleimani; Qasem Sulaimani; Qasim Sulaimani; Qasim Sulaymani; Qasem Sulaymani; Kasim Soleimani; Kasim Sulaimani; Kasim Sulaymani; Haj Qasem; Haji Qassem; Sarder Soleimani)	Data tat-twelid: 11 ta' Marzu 1957; Post tat-twelid: Qom, Iran (Repubblika Islamika ta'); Passport nru: 008827, maħruġ fl-Iran.	Kmandant tal-Revolutionary Guard Corps Iranjan - IRGC - Qods, involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lir-reġim tas-Sirja jrażżan il-protesti fis-Sirja.	23.6.2011
27.	Hossein (حسين) Taeb (طائب) (magħruf ukoll bħala Taeb, Hassan; magħruf ukoll bħala Taeb, Hosein; magħruf ukoll bħala Taeb, Hossein; magħruf ukoll bħala Taeb, Hussayn; magħruf ukoll bħala Hojjatoleslam Hossein Ta'eb)	Twieled: 1963; Post tat-twelid: Teheran, Iran	Viċi Kmandant għall-Intelligence tal-Revolutionary Guard Corps Iranjan, involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lir-reġim tas-Sirja jrażżan il-protesti fis-Sirja.	23.6.2011
36.	Nizar (نزار) al-Asaad (الأسعد) (magħruf ukoll bħala Nizar Asaad)	Kuġin ta' Bashar Al-Assad; ex-kap tal-kumpannija "Nizar Oilfield Supplies"	Qrib ħafna ta' uffiċjali ewlenin tal-gvern. Jiffinanzja lil Shabiha fir-reġjun ta' Latakia.	23.8.2011
37.	Maġġur Ġeneral Rafiq (رفيق) (magħruf ukoll bħala Rafeeq) Shahadah (شحادة) (magħruf ukoll bħala Shahada, Shahade, Shahadeh, Chahada, Chahade, Chahadeh, Chahada)	Data tat-twelid: 1956; Post tat-twelid: Jablah, Provinċja ta' Latakia	Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-kariga wara Mejju 2011. Ex-Kap tal-Fergħa 293 (Affarijiet Interni) tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI) f'Damasku. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza fuq il-popolazzjoni ċivili f'Damasku. Konsulent għall-President Bashar Al-Assad għal kwistjonijiet strateġiċi u ta' intelligence militari.	23.8.2011
50.	Tarif (طريف) Akhras (أخرس) (magħruf ukoll bħala Al Akhras (الأخرس))	Data tat-twelid: 2 ta' Ġunju 1951; Post tat-twelid: Homs, Sirja; Passaport Sirjan Nru 0000092405	Negozjant prominenti li jibbenefika minn u jappoġġa lir-reġim. Fundatur tal-Akhras Group (prodotti, kummerċ, ipproċessar u loġistika) u ex President għall-Kamra tal-Kummerċ ta' Homs. Relazzjonijiet ta' negozju mill-qrib mal-familja tal-President Al-Assad. Membru tal-Bord tal-Federazzjoni tal-Kamra tal-Kummerċ Sirjana. Ipprovda bini industrijali u residenzjali għal kampijiet ta' detenzjoni improviżati, kif ukoll appoġġ loġistiku għar-reġim (xarabanks u tankijiet tat-tagħbija).	2.9.2011
53.	Adib (أديب) Mayaleh (ميالة) (magħruf ukoll bħala André Mayard)	Data tat-twelid: 15 ta' Mejju 1955; Post tat-twelid: Bassir	Ex-Gvernatur u President tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank Ċentrali tas-Sirja. Adib Mayaleh ikkontrolla s-settur bankarju Sirjan u mmaniġġja l-massa monetarja Sirjana permezz tal-ħruġ u l-irtirar ta' karti tal-flus u permezz tal-kontroll tal-valur tar-Rata tal-Kambju tal-Lira Sirjana. Permezz tar-rwol tiegħu fil-Bank Ċentrali tas-Sirja, Adib Mayaleh ipprovda appoġġ ekonomiku u finanzjarju lir-reġim Sirjan. Ex-Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani fil-kariga wara Mejju 2011.	15.5.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
68.	Bassam (بســـام) Sabbagh (صـباغ) (magħruf ukoll bħala Al Sabbagh (الصـباغ))	Data tat-twelid: 24 ta' Awwissu 1959; Post tat-twelid: Damasku. Indirizz: Kasaa, Anwar al Attar Street, al Midani building, Damasku: Passaport Sirjan Nru 004326765 maħruġ fit-2 ta' Novembru 2008, validu sa Novembru 2014.	Kunsillier legali u finanzjarju u jiġġestixxi l-affarijiet ta' Rami Makhlouf u ta' Khaldoun Makhlouf. Involut ma' Bashar al-Assad fil-finanzjament ta' proġett ta' bini f'Latakia. Jipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim.	14.11.2011
79.	Maġġur Ġeneral Talal (طـلال) Makhluf (مخلـوف) (magħruf ukoll bħala Makhlouf)		Ex-kmandant tal-105 Brigata tal-Gwardja Repubblikana. Kmandant Ġeneral attwali tal-Gwardja Repubblikana. Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-kariga wara Mejju 2011. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Damasku.	1.12.2011
80.	Maġġur Ġeneral Nazih (نزيــه) (magħruf ukoll bħala Nazeeh) Hassun (حسـون) (magħruf ukoll bħala Hassoun)		Uffiċjal fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-Forzi Armati Sirjani fil-kariga wara Mejju 2011. Kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika tas-servizzi tas-sigurtà Sirjani fil-kariga wara Mejju 2011. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti fuq il-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	1.12.2011
109.	Imad (عماد) Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Deeb (ديــب) Khamis (خميـس) (magħruf ukoll bħala Imad Mohammad Dib Khamees)	Data tat-twelid: 1 ta' Awwissu 1961; Post tat-twelid: viċin Damasku	Prim Ministru u Ministru tal-Elettriku. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.3.2012
114.	Emad (عماد) Abdul-Ghani (عبدالغني) Sabouni (صـابوني) (magħruf ukoll bħala Imad Abdul Ghani Al Sabuni)	Data tat-twelid: 1964; Post tat-twelid: Damasku	Ex-Ministru għat-Telekomunikazzjoni u t-Teknoloġija, fil-kariga sa mill-inqas April 2014. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim fuq il-popolazzjoni ċivili. Maħtur f'Lulju 2016 bħala Kap tal-Aġenzija għall-Ippjanar u l-Kooperazzjoni Internazzjonali (aġenzija tal-Gvern).	27.2.2012
116.	Tayseer (تيســـير) Qala (قــلا) Awwad (عواد)	Data tat-twelid: 1943; Post tat-twelid: Damasku	Ex-Ministru għall-Ġustizzja. Assoċjat mar-reġim Sirjan u r-repressjoni vjolenti tiegħu fuq il-popolazzjoni ċivili. Ex-Kap tal-Qorti Militari. Membru tal-Kunsill Ġudizzjarju Għoli.	23.9.2011
132.	Brigadier Ġenerali Abdul-Salam (عبدالســلام) Fajr (فجر) Mahmoud (محمود)		Kap tal-fergħa ta' Bab Touma (Damasku) tas-Servizz tal-Intelligence tal-Armata tal-Ajru. Responsabbli mit-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
147.	Ġeneral Amer al-Achi (magħruf ukoll bħala Amer Ibrahim al-Achi; magħruf ukoll bħala Amis al Ashi; magħruf ukoll bħala Ammar Aachi; magħruf ukoll bħala Amer Ashi) (عامر إبراهيم العشي)		Kap tal-fergħa tal-intelligence tal-aġenzija tal-intelligence tal-forza tal-ajru (2012-2016). Permezz tar-rwol tiegħu fl-aġenzija tal-intelligence tal-forza tal-ajru, Amer al-Achi huwa involut fir-repressjoni tal-oppożizzjoni Sirjana.	24.7.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
153.	Waleed (وليد) (magħruf ukoll bħala Walid) Al Mo'allem (المعلم) (magħruf ukoll bħala Al Moallem, Muallem (معلم))		Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Affarijiet Barranin u ta' Persuni li qed Jgħixu Barra minn Pajjiżhom. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
157.	L-Inġinier Bassam (بسام) Hanna (حنا)	Data tat-twelid: 1954; Post tat-twelid: Aleppo (is-Sirja)	Ex-Ministru għar-Riżorsi tal-Ilma fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim fuq il-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
160.	Dr. Hazwan (هزوان) Al Wez (الوز) (magħruf ukoll bħala Al Wazz)		Ministru tal-Edukazzjoni. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
169.	Dr. Adnan (عدنان) Abdo (عبدو) (magħruf ukoll bħala Abdou) Al Sikhny (السخني) (magħruf ukoll bħala Al-Sikhni, Al-Sekhny, Al-Sekhni)	Data tat-twelid: 1961; Post tat-twelid: Aleppo (is-Sirja)	Ex-Ministru għall-Industrija. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim fuq il-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
171.	Dr Abdul-Salam (عبدالسلام) Al Nayef (النايف)		Ex-Ministru tas-Saħħa fil-poter wara Mejju 2011. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
175.	Najm-eddin (نجم الدين) (magħruf ukoll bħala Nejm-eddin, Nejm-eddeen, Najm-eddeen, Nejm-addin, Nejm-addeen, Najm-addeen, Najm-addin) Khreit (خريط) (magħruf ukoll bħala Khrait)		Ex-Ministru tal-Istat. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
176.	Abdullah (عبدالله) (magħruf ukoll bħala Abdallah) Khaleel (خليل) (magħruf ukoll bħala Khalil) Hussein (حسين) (magħruf ukoll bħala Hussain)		Ex-Ministru tal-Istat fil-poter wara Mejju 2011. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
189.	Dr Malek (مالك) Ali (علي) (magħruf ukoll bħala Malik Ali)	Data tat-twelid: 1956; Post tat-twelid: Tartous (is-Sirja)	Ex-Ministru għall-Edukazzjoni Għolja fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim fuq il-popolazzjoni ċivili.	24.6.2014
206.	Maġġur Ġeneral Muhamad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad) Mahalla (محلا) (magħruf ukoll bħala Mahla, Mualla, Maalla, Muhalla)	Data tat-twelid: 1960; Post tat-twelid: Jableh	Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-kariga wara Mejju 2011. Kap tal-Fergħa 293 (Affarijiet Interni) tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI), minn April 2015 'l hawn. Responsabbli għar-repressjoni u l-vjolenza fuq il-popolazzjoni ċivili f'Damasku/fil-kampanja ta' Damasku. Ex-Viċi Kap tas-Sigurtà Politika (2012), Uffiċjal tal-Gwardja Repubblikana Sirjana u Viċi Direttur tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika. Kap tal-Pulizija Militari, Membru tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali.	29.5.2015

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
210.	Tahir (طاهر) Hamid (حامد) Khalil (خليل) (magħruf ukoll bħala Tahir Hamid Khali; Khalil Tahir Hamid)	Pożizzjoni: Maġġur Ġeneral	Għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral, Kap tad-Direttorat Sirjan tal-Artillerija u l-Missili tal-Forzi Armati Sirjani, fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala uffiċjal għoli tad-Direttorat Sirjan tal-Artillerija u l-Missili, huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili, inkluż l-użu ta' missili u armi kimiċi mill-Brigati taħt il-kmand tiegħu f'żoni ċivili b'densità għolja ta' popolazzjoni fl-2013 f'Ghouta.	28.10.2016
251.	Mohammad (محمد) Ziad (زياد) Ghriwati (غريواتي) (magħruf ukoll bħala: Mohammad Ziad Ghraywati)		Mohammad Ziad Ghriwati huwa inġinier fiċ-Ċentru Sirjan tal-Istudji u r-Riċerka Xjentifiċi (Syrian Scientific Studies and Research Centre). Huwa involut fil-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u t-twassil tagħhom. Mohammad Ziad Ghriwati kien involut fil-kostruzzjoni ta' bombi f'bettija li ntużaw fuq il-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Huwa assoċjat maċ-Ċentru Sirjan tal-Istudji u r-Riċerka Xjentifiċi (Syrian Scientific Studies and Research Centre), entità elenkata.	18.7.2017
253.	Khaled (خالد) Sawan (صوان)		Dr. Khaled Sawan huwa inġinier fis-Syrian Scientific Studies and Research Centre, li huwa involut fil-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u t-twassil tagħhom. Huwa kien involut fil-kostruzzjoni ta' bombi bettija li ntużaw kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Huwa kien assoċjat mas-Syrian Scientific Studies and Research Centre, entità elenkata.	18.7.2017
254.	Raymond (ريمون) Rizq (رزق) (magħruf ukoll bħala: Raymond Rizk)		Raymond Rizq huwa inġinier fis-Syrian Scientific Studies and Research Centre, involut fil-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u t-twassil tagħhom. Kien involut fil-kostruzzjoni ta' bombi bettija li ntużaw kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Huwa assoċjat mas- Syrian Scientific Studies and Research Centre, entità elenkata.	18.7.2017
261.	Maher Sulaiman (magħruf ukoll bħala: ماهر سليمان; Mahir; Suleiman)	Post tat-twelid: Lattakia, is-Sirja Tabib; Direttur tal-Higher Institute for Applied Sciences and Technology Indirizz: Higher Institute for Applied Sciences and Technology (HIAST), P.O. Box 31983, Damascus	Direttur tal-Higher Institute for Applied Sciences and Technology (HIAST), li jipprovdi taħriġ u appoġġ bħala parti mis-settur tal-proliferazzjoni tal-armi kimiċi. Minħabba l-pożizzjoni għolja tiegħu fil-HIAST, li huwa affiljat u sussidjarju tas-Scientific Studies and Research Centre (SSRC), huwa assoċjat mal-HIAST u s-SSRC, li t-tnejn huma entitajiet iddeżinjati.	19.3.2018".

II. Parti A ("Persuni"), jitneħħew l-ismijiet u l-entrati korrispondenti li ġejjin:

21. Dawud Rajiha

39. Hassan Bin-Ali Al-Turkmani

III. Fil-Parti A ("Persuni"), in-numri tal-entrata għall-persuni ta' hawn taħt huma sostitwiti kif ġej:

Isem il-persuna	Numru tal-entrata attwali	Numru tal-entrata ġdid
Houmam Jaza'iri	1	264
Mohamad Amer Mardini	2	265
Mohamad Ghazi Jalali	3	266
Kamal Cheikha	4	15
Hassan Nouri	5	17
Mohammad Walid Ghazal	6	74
Khalaf Souleymane	7	118
Nizar Wahbeh Yazaji	8	178
Hassan Safiyeh	9	202
Issam Khalil	10	267
Ghassan Ahmed	13	268
Abdelhamid Khamis	16	269

IV. Fil-Parti B ("Entitajiet"), l-entrata numru 60 hija sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"60.	Istitut Għoli għax-Xjenzi Applikati u t-Teknoloġija (Higher Institute for Applied Sciences and Technology (HIAST) (المعهد العالي للعلوم التطبيقية والتكنولوجيا) (magħruf ukoll bħala Institut Supérieur des Sciences Appliquées et de Technologie (ISSAT))	P.O. Box 31983, Barzeh	Affiljat ma' u sussidjarju taċ-Ċentru Sirjan tal-Istudji u r-Riċerka Xjentifiċi (Syrian Scientific Studies and Research Centre (SSRC) li huwa diġà elenkat. Jipprovdi taħriġ u appoġġ lill-SSRC u għalhekk huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti fuq il-popolazzjoni ċivili.	23.7.2014".